MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 79/2003

**Joseph Cassar**

**vs**

**Darren Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u disgha u tmenin Liri Maltin (Lm189.00) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dan it-Tribunal rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba incident awtomobilistiku illi sehh nhar l-20 ta' Lulju 2002 fi Triq Dun Karm, Birkirkara, waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tal-marka Fiat Ritmo bin-numru ta' registrazzjoni IAI-557 u waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tal-marka Lada Samara bin-numru ta' registrazzjoni IAT-838 hbatt fil-vettura tal-attur u kkaguna hsara fil-vettura tieghu. Liema incident sehh unikament

minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legal kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija disgha u tmenin Liri Maltin (Lm189.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------